

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8639 — Cariparma/Caricesena, Carim, Carismi)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 385/07)

1. Fit-8 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- Crédit Agricole Cariparma SpA ("Cariparma", l-Italja),
- Cassa di Risparmio di Cesena SpA ("Caricesena", l-Italja),
- Cassa di Risparmio di Rimini SpA ("Carim", l-Italja),
- Cassa di Risparmio di San Miniato SpA ("Carismi", l-Italja).

Crédit Agricole Cariparma S.p.A, takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Cassa di Risparmio di Cesena SpA, Cassa di Risparmio di Rimini SpA u Cassa di Risparmio di San Miniato SpA kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitàjiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal Cariparma: sussidjarja ta' Crédit Agricole SA ("Crédit Agricole", Franza), li hija l-ewwel bancassurer u l-manijer tal-assi fl-Ewropa. Il-Grupp Crédit Agricole huwa preżenti fl-Italja b'firxa sħiħa ta' servizzi finanzjarji.
- għal Caricesena: attivi fl-oqsma kollha relatati mal-kreditu ta' intermedjazzjoni finanzjarja, fit-tramuntana u ċ-ċentru tal-Italja.
- għal Carim: attiva fis-settur tas-servizzi bankarji għall-konsumatur fl-Italja, b'mod partikolari fir-reġjuni Taljani ta' Emilia Romagna, Marche, Umbria u Lazio.
- għal Carismi: prinċipalment attiva fis-settur tas-servizzi bankarji għall-konsumatur, b'mod partikolari fit-tramuntana u ċ-ċentru tal-Italja, fir-reġjun tat-Toskana.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8639 — Cariparma/Caricesena, Carim, Carismi.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
